MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2008

Numru 612/2008

**Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Mary Grace Cassar (ID 394658 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' elf, mija, tnejn u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€1,182.20) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n-numru 21661519 (A/C 10023533) skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond id-dokumenti IZY 1, IZY 2 u IZY 3 annessi mat-talba.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuta naqset li tidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2008 mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------